bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Farrugia
Mamo)
vs
Pierre William Buontempo, iben
Mario, imwieled Attard
fis-26 ta' ġunju, 1970

Illum, 4 ta' ġunju, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar snin b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe' ħa flejjes li jammontaw għal aktar minn Lm4,000 liema flejjes jappertjenu lis-soċ-
jeta' assikuratriċi Citadel Insurance plc u persuni u soċjetajiet oħra, liema flejjes kienu ġew fdati lilu bl-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat u dan meta kien agent awtorizzat mill-MFSC tal-imsemmija soċjeta' assikuratriċi, dan ir-reat sar minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabbba depozitu neċessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-4 ta' ġunju, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-vebal tas-seduta tal-4 ta' ġunju, 2001 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-ammont ġie kollu mħallas;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' ġunju, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.